

Domanda preliminari

L-Artikolu 57(4)(g) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [l-għoti ta' kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ⁽¹⁾ jista' jiġi interpretat fis-sens li x-xoljiment ta' kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi għar-raġuni li parti mix-xogħlijiet nġhatat bħala subappalt mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kontraenti tikkostitwixxi nuqqas sinjifikattiv jew persistenti fit-twettiq ta' rekwiżit sostantiv taħt kuntratt pubbliku preċedenti li jwassal biex operatur ekonomiku jiġi eskluż milli jipparteċipa fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku?

⁽¹⁾ ĠU 2014, L 94, p. 65.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bacău (ir-Rumanija) fit-18 ta' April 2018 – SC Onlineshop SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Direcția Generală a Vămilor

(Kawża C-268/18)

(2018/C 249/16)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Bacău

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Onlineshop SRL

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Direcția Generală a Vămilor

Domandi preliminari

- 1) In-Nomenklatura Magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 ⁽²⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li apparat bħas-sistemi ta' navigazzjoni GPS PNI S 506 inkwistjoni f'din il-kawża jaqgħu taħt is-subintestatura tariffarja 852691, subintestatura 852691 20, jew taħt l-intestatura 8528, subintestatura 8528 59 00, ta' din in-nomenklatura?
- 2) Il-verżjonijiet tan-Nomenklatura Magħquda li jirriżultaw suċċessivament mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 698/2012 ⁽³⁾ u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 459/2014 ⁽⁴⁾ huma rilevanti għall-finijiet tal-istabbiliment ta' klassifikazzjoni tariffarja korretta tal-apparat bħas-sistemi ta' navigazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, fis-sens li jistgħu jiġu applikati b'analoġija għal prodotti li għandhom similaritajiet mas-sistema ta' navigazzjoni kkonċernata, b'mod partikolari jekk l-applikazzjoni b'analoġija ta' dawn id-dispożizzjonijiet tiffavorixxi l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda magħmula mill-amministrazzjoni doganali?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

⁽²⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2016, L 294, p. 1).

⁽³⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 698/2012 tal-25 ta' Lulju 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2012, L 203, p. 34).

⁽⁴⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 459/2014 tad- 29 ta' April 2014 li jemenda ċerti regolamenti dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2014, L 133, p. 43).